# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
## (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 TA' SETTEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 3K**

**Rik. Kost. 394/2022 RGM**

**Luciano sive Lucio Demicoli**
**Michelina Debono**
**Lourdes armla minn Lawrence Mangion**
**Dr. Rita mart Malcolm Micallef**
**Doris Demicoli**

**Anthony Fenech**
**Carmelo Fenech**
**Mary mart Alfred Sammut**
**Maria Dolores mart Joseph Falzon**
**Jane legalment separata minn Emanuel Aquilina**
**Joseph Fenech**

**Vincenza armla minn Joseph Mangion**
**Andrew Mangion**
**Margaret Said**
**Lawrence Mangion**

**Luke Mangion**
**Pauline mart Anthony Camilleri**
**Ronald Mangion**
**Carmel Debono**
**Jason Azzopardi**
**Tiziana Azzopardi**
**Adrian mart Michael Heeran**
**Annette Marie Saad**
**Angela Maria Patterson**
**Andrew Joseph Vella**
**Carmela armla minn Andrew Mifsud**
**Rita Broome**
**Gerald Vella**
**Patricia Vella**
**Andreana Vella**
**Luciano Vella**

**Emanuel Vella u b'digriet tal-20 ta' Jannar 2023 stante l-mewt tiegħu, l-atti f'ismu qed jiġu trasfużi f'isem Paul Mifsud għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Edward Vella, John Vella, Anthony Vella, Carmen Vella, David Vella, Lawrence Vella u Andreana Laitinen**

**vs.**

**Avukat tal-Istat**

**Grazio Vella u Maria Dolores Vella**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors tal-25 ta' Lulju 2022 ir-rikorrenti fissru li huma sidien tal-fond 33/34, Triq il-Parroċċa, Luqa liema proprjetà huma wirtu mingħand in-nanniet u bużnanniet tagħhom Ignazio sive Lucio Vella (li miet fit-2 ta' Diċembru 1948) u Maria Vella (li mietet fil-7 ta' Marzu 1949). Il-konjuġi Vella kellhom żewġ testmenti tal-20 ta' Novembru 1947 u tal-15 ta' Jannar 1948 li saru quddiem in-Nutar Anthony Attard fejn

fihom ħallew dawn il-proprjetajiet lill-erba' uliedhom Francesca Demicoli (mietet fit-8 t'April 1985), Paul Vella (li miet fis-16 ta' Jannar 1969), Maria Carmela Briffa (mietet intestata fit-2 ta' Frar 1977) u Felica Fenech (mietet fit-28 ta' Settembru 1999) u ddiżereditaw lil binhom Salvatore Vella (miet fis-16 ta' Diċembru 1942). Il-werrieta ta' dan tal-aħħar li għandhom sediċeżima (1/16) indiviża ma ridux jieħdu sehem f'din il-kawża li hija kontra nieshom.

Fissru li l-fond mertu tal-kawża ilu mikri lil Grazio Vella u Maria Dolores Vella u l-antekawża għal dawn l-aħħar sebgħin sena bil-kera ta' Lm 16 fis-sena. Bis-saħħa tal-Att X tal-2009, il-kera bdiet togħla biex illum il-kirja hija ta' €209.64 fis-sena. Ippremettew li din il-kirja ġiet imġedda skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 u dan bi preġudizzju għad-drittijiet tagħhom stante li l-kirja mħallsa fis-sena, kif restritta bil-liġi, ma tirriflettix il-valur reali tal-proprjetà fis-suq. Ippremettew li dan iwassal għal leżjoni tad-drittijiet tal-proprjetà tagħhom, għaldaqstant talbu lil din il-Qorti sabiex

> "i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti qieghdin jaghtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimati Grazio Vella (K.I. 720844M) u Maria Dolores Vella (K.I. 132655M) ghall-fond 33/34 Triq il-Parrocca, Luqa, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti inter alia fl-Ellwl Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk ghar-ragunijiet fuq esposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti ghandha tinghata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.
>
> ii. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Ligijiet ta' Malta talli ma nzammx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-ligijiet vigenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-proprjeta in kwistjoni wkoll ai termini tal-Ligi.
>
> iii. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-Ligi.

iv. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imgħax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-intimati minn issa għas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat ippreżentat fit-30 t'Awwissu 2022 fejn eċċepixxa n-nullità tal-kawża sa fejn tolqot lil dawk ir-rikorrenti li kienu assenti minn Malta fil-mument tal-preżentata tar-rikors promotur. In linea preliminari ukoll eċċepixxa li r-rikorrenti jeħtiġilhom iġibu prova li (a) li huma sidien tal-fond mertu tal-kawża kif ukoll tas-sehem li jgawdu mill-istess fond, u (b) l-fond huwa tassew soġġett għall-kirja taħt il-Kapitolu 69. Fil-mertu li l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali u għandu diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali. Ingħad ukoll li l-ilment taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll m'għandux imur oltre t-30 ta' April 1987 u dan stante li ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319, ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 t'April 1987 m'għandu jagħti lok għal xi azzjoni quddiem il-Qrati Maltin. Eċċepixxa wkoll li r-rikorrenti ma jistgħux jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom u jippretendi xi kumpens għaż-żmien ta' qabel ma saru sidien tal-fond mertu tal-kawża u "dan sakemm ma ressqux provi li permezz tagħhom juru li l-fond in mertu ddevolva fuqhom permezz ta' wirt u dan taħt titolu universali". Ġie eċċepiet ukoll bis-saħħa tal-Artikolu 4A tal-Kapitolu 69 ir-rikorrenti jistgħu jitolbu li jieħdu lura l-post u ma jġeddux il-kera, jistgħu jitolbu l-awment tal-kera sa massimu ta' 2% tal-valur ħieles tas-suq u wkoll li dan l-artikolu jżomm bilanċ bejn l-interessi tas-sidien u l-interessi tal-kerrej. Eċċepixxa li konsegwentement din il-Qorti m'għandhiex issib ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021. Għall-istess raġuni din il-Qorti lanqas m'għandha tiddikjara li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 huma nulli u mingħajr effett fil-konfront tal-kirja ta' bejn il-partijiet. Ġie eċċepiet li d-danni għandhom jiġu likwidati pro-rata u dan sabiex ir-rikorrenti ma jiġux mogħtija danni li jistgħu ikunu dovuti lil ħaddieħor li m'humiex parti fil-kawża.

3. Rat ir-risposta tal-intimati Vella ippreżentata fit-30 ta' Settembru 2022 fejn eċċepew li ma humiex il-leġittimi kontradittituri.
4. Rat li fis-seduta tat-18 t'Ottubru 2022 il-Qorti nominat lil Perit Elena Borg Costanzi sabiex tirrelata dwar il-valur lokatizzju tal-fond mertu tal-kawża u fuq talba tal-

atturi il-perit tekniku ġiet mitluba tirrelata dwar il-perjodu mis-sena 1967 sal-aħħar ta' Mejju 2021.

5. Rat ir-rapport tal-Perit Elena Borg Costanzi ppreżentat fl-14 ta' Diċembru 2022 u maħluf fit-3 ta' Jannar 2023.[1]

6. Rat l-atti tal-kawża.

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fit-22 ta' Marzu 2023[2] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fl-1 ta' Ġunju 2023[3]. Rat li l-inkwilini Vella baqgħu ma ppreżentawx nota ta' sottomissjonijiet.

8. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Nullità tal-kawża**

9. Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-Avukat tal-Istat eċċepixxa n-nullità tal-kawża sa fejn tolqot lil dawk ir-rikorrenti li jista' jirriżulta li kienu assenti minn Malta fil-mument tal-preżentata tar-rikors promotur.

10. B'nota tal-31 t'Ottubru 2022 ir-rikorrenti ppreżentaw sittax-il prokura tal-assenti, liema prokuri ma ġewx ikkontestati mill-intimati. In oltre fin-nota ta' sottomissjonijiet finali, l-intimati m'għamlu ebda sottomissjoni ulterjuri fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni.

11. Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata bil-preżentata tan-nota surreferita u għalhekk tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat.

**Titolu**

[1] Fol 92 et seq tal-proċess.
[2] Fol 156 et seq tal-proċess
[3] Fol 179 et seq tal-proċess.

12. It-tieni eċċezzjoni ta' natura preliminari tal-Avukat tal-Istat hija fis-sens li r-rikorrenti jeħtiġilhom iġibu l-aħjar prova tat-titolu tagħhom fuq il-proprjetà in kwistjoni.

13. Mar-rikors promotur ir-rikorrenti ppreżentaw numru ta' dikjarazzjonijiet ta' causa mortis. L-Avukat tal-Istat ma kontesta l-ebda wieħed minnhom. Minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ma jidhirx li baqa' jinsisti fuq din l-eċċezzjoni u għalhekk il-Qorti tqis li hi sorvolata.

**Kirja protetta taħt il-Kapitolu 69**

14. It-tieni inċiż tat-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat hija fis-sens li r-rikorrenti jeħtiġilhom iġibu prova li turi li l-fond in kwistjoni huwa tassew suġġett għall-kirja protetta taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69.

15. Maria Dolores Vella fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti ikkonfermat li hi u żewġha ilhom jirrisjedu fil-fond minn tal-anqas erbgħin sena u ċioe minn meta żżewġu. Tgħid ukoll li missier ir-raġel tagħha kien ukoll jirrisjedi fl-istess post b'titolu ta' kera. L-intimati ppreżentaw kopja tal-ktieb tal-kera li jibda mis-sena 1989.

16. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat tal-Istat iddikjara li huwa sodisfatt li l-fond ilu mikri lill-konjuġi Vella.

17. Konsegwentement il-Qorti qed tiċħad it-tieni inċiż tat-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

Ikkunsidrat;

**Mertu**

18. Ir-rikorrenti ippremettew li fiż-żmien rilevanti kienu marbuta li jkomplu jġeddu l-kirja a tenur tal-**Artikolu 3 tal-Kapitolu 69** li jipprovdi illi:

> "Sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri (sew jekk dan iż-żmien ikun skont il-ftehim, legali, skont l-użu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza), jirrifjuta li jġedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet ġodda għat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord."

19. Fiż-żmien rilevanti, skont Kapitolu 69, il-Bord seta jagħti permess ta' ripreża f'każijiet speċifiċi u limitati biss. Il-kera li setgħet tiġi stabbilita kienet marbuta skont il-*fair rent* a tenur tal-**Artikolu 4 (2)** tal-Kapitolu 69. Qabel l-emendi li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 promulgati bl-**Att XXIV tal-2021**, dan l-artikolu kien jipprovdi li:

    "jekk il-kera ġdid ma jkunx iżjed minn 40% mill-kera ġust (stabbilit, meta meħtieġ, bi stima) li bih il-fond kien mikri jew seta` jinkera f`kull żmien qabel l-4 ta` Awissu tal-1914: il-Bord jista` jistabbilixxi dan il-kera ġust."

20. Permezz tal-**Att X tal-2009**, daħlu fis-seħħ emendi għal-liġi tal-kera fosthom l-**Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16** li jipprovdi:

    "(1) Għall-kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 hekk iżda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta' Jannar, 2010, ir-rata tal-kera mill-1 ta' Jannar, 2010 għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont:

    Iżda fejn ir-rata ta' kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa' bir-rata ogħla hekk stabbilita.

    (2) F'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b'mod proporzjonali ghall-mod li bih ikun zdied l-indici tal-inflazzjoni skont l-Artikolu 13 tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar; l-ewwel awment isir fid-data tal-ewwel hlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar 2013."

21. Ir-rikorrenti jinsistu li b'dawn l-artikoli ma setgħux jawmentaw il-kera għar-rata li tirrifletti dak li l-fond kien iġib fis-suq liberu u lanqas setgħu jieħdu l-fond lura fi żmien raġonevoli bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom sanċit taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Imiss għalhekk li l-Qorti tqis dan l-artikolu.

Ikkunsidrat;

22. Għal kull buon fini il-Qorti tosserva li fi premessa 28, ir-rikorrenti għamlu referenza għall-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-istess saret referenza għall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni fi premessa 32. Dawn l-artikoli ma ġewx inklużi fit-talbiet u għalhekk il-Qorti m'hi ser tagħmel ebda konsiderazzjoni fir-rigward.

**Allegat leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

23. Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni"

24. L-interpretazzjoni prevalenti għal din id-dispożizzjoni li llum tagħmel parti mil-liġi Maltija hi illi qiegħda tipproteġi lill-persuna fit-tgawdija ħielsa ta' ħwejjiġha li jinkludu l-possedimenti tagħha.

25. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli: L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni.

26. Sabiex l-aġir tal-Istat bħalma hu l-promulgazzjoni ta' liġi li tagħti protezzjoni lill-inkwilin, ma jikwalifikax bħala leżiv tal-jedd konvenzjonali tal-individwu jeħtieġ li jkun inżamm bilanċ bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għemil tal-Istat.

27. Huwa meqjus illi liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid ta' individwu għal għanijiet fl-interess ġenerali huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika.

Però tali setgħa ma hiex bla limitazzjoni jew bla xkiel. Ir-regola ġenerali tibqa' li l-individwu għandu l-jedd fundamentali li jgawdi l-ġid tiegħu mingħajr xkiel u għalhekk meta l-Istat jirfes fuq dak id-dritt jeħtieġ li juri illi tali ndħil seħħ f'qafas legali fejn id-drittijiet tal-individwu ġew rispettati. Dan l-obbligu fuq l-Istat jisssussisti sew meta l-liġi tippermetti lill-Istat li jieħu bil-forza l-ġid ta' individwu f'idejh, sew meta l-liġi tkun maħsuba sabiex tirregola l-użu ta' dak il-ġid.

28. Għalkemm taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni s-setgħa tal-Istat li jikkontrolla l-użu tal-ġid hija wiesgħa, huwa dejjem meħtieġ mhux biss li jintwera l-interess ġenerali iżda wkoll li jinżamm bilanċ bejn l-interess ġenerali u dak tal-individwu milqut bl-aġir tal-Istat. Hawn jidħol l-element tal-proporzjonalità fejn l-indħil għandu jiġi kontro bilanċjat minn kumpens xieraq. Jekk l-Istat jieħu bil-forza proprjetà għandu jħallas kumpens ġust tal-valur tagħha. Jekk l-Istat ma jieħux proprjetà bil-forza iżda jieħu minn idejn is-sid l-użu ta' dik il-proprjetà, għandu jkun hemm mekkaniżmu legali kif is-sid jiġi kumpensat minħabba tali restrizzjoni fit-tgawdija tal-possediment tiegħu. Jekk m'hemmx tali mekkaniżmu ifisser li l-Istat huwa responsabbli ta' leżjoni tad-dritt tas-sid kif protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

29. Kapitolu 69 kien jagħmilha prattikament impossibbli li s-sid jieħu lura l-fond mikri jekk mhux għal raġunijiet eċċezzjonali, filwaqt li l-kera baqgħet staġnata. Bl-Att X tal-2009 il-Leġislatur introduċa emendi għall-Kapitolu 16 suppost bl-iskop li jiġi indirizzat l-iżbilanċ li kien hemm kontra s-sidien f'dawn iċ-ċirkostanzi. Dak l-Att introduċa **Artikolu 1531Ċ għall-Kap 16** li kien jaqra kif ġej:

> "(1) Għall-kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 hekk iżda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta' Jannar, 2010, ir-rata tal-kera mill-1 ta' Jannar, 2010 għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont:
>
> Iżda fejn ir-rata ta' kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa' bir-rata ogħla hekk stabbilita.
>
> (2) F'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b'mod proporzjonali ghall-mod li bih ikun zdied l-indici tal-inflazzjoni skont l-Artikolu 13 tal-Ordinanza li Tnehhi l-

Kontroll tad-Djar; l-ewwel awment isir fid-data tal-ewwel hlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar 2013."

30. Ir-rikorrenti ippremettew fir-rikors promotur li huma kien qiegħed jirċievi l-ħlas ta' €209.64 kera fis-sena liema somma hija manifestament baxxa wisq meta komparata mal-potenzjal li l-fond seta' jiġġenera fiż-żmien rilevanti.

31. Il-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza **Patricia Curmi et vs. Miriam Pace et** (Rik Kost 68/2019 - 6 ta' Ottubru 2020) irriteniet illi l-emendi introdotti bl-Att X tal-2009 b'mod partikolari bl-introduzzjoni tal-Artikolu 1531Ċ fil-Kodiċi Ċivili ġabu awment fil-kera li ma jistax jiġi kkunsidrat illi indirizza l-iżbilanċ bejn l-interessi tas-sidien u l-interessi tal-inkwilin u s-soċjetà in ġenerali.

32. Ingħad fl-imsemmija deċiżjoni li "*Il-kera irriżorja li għaliha huma intitolati s-sidien tilledi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni".* Intqal ukoll f'sentenza aktar riċenti li "*illum hu stabbilit li l-awment tal-kera li jipprovdi l-Att X tal-2009 hu inadegwat u ma wassalx sabiex sidien il-kera jirċievu kera diċenti.*"[4]

33. Għalhekk il-Qorti tqis li l-emendi bl-Att X tas-sena 2009 għall-Kapitolu 16 ma kinux biżżejjed sabiex jissodisfaw l-element ta' proporzjonalità ladarba l-awment kien qiegħed jiġi kkalkolat fuq kera li hija ħafna inqas minn dik tas-suq, minħabba r-restrizzjoni kif kienu kontemplati fl-Artikolu 4 (b) tal-Kapitolu 69 qabel l-emendi bl-Att XXIV tal-2021.

34. Rigward **Artikolu 4A tal-Kapitolu 69** introdott bl-**Att XXIV tal-2021,** dan l-artikolu jagħti l-possibilità lil kull persuna li qiegħda fl-istess sitwazzjoni tar-rikorrenti, li titlob lill-Bord li Jirregola l-Kera jiffissa l-kera f'ammont li jkun sa tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, bil-possibilità wkoll li l-Bord jaċċetta d-dħul ta' kundizzjonijiet ġodda li jirregolaw dan il-ftehim ta' kirja kif ukoll li jiġi revedibbli kull sitt (6) snin. Il-Bord huwa obbligat jagħmel test tal-mezzi sabiex jara jekk l-inkwilin jissodisfax il-kriterji sabiex ikompli fil-kirja jew le.

35. Din il-Qorti tqis li bl-introduzzjoni ta' Artikolu 4A ingħata rimedju adegwat lis-sidien fejn ġie mogħti jedd ta' azzjoni lis-sid sabiex jitlob l-awment jew l-iżgumbrament tal-inkwilin a bażi ta' kriterji hemm stabbiliti.

---

[4] **Carmel sive Charles Sammut et vs. Maria Stella Dimech et** (Rik Kost 161/2019) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021.

36. Fil-fatt din il-Qorti tosserva li r-rikorrenti ġia irrikorrew għal dan ir-rimedju meta fl-20 ta' Diċembru 2021 resqu rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Luciano sive Lucio Demicoli et vs. Grazio Vella et u **b'sentenza tal-1 ta' Frar 2023, il-Bord awmenta l-kera għal €11,210 fis-sena.**

37. Għalkemm kif rajna bl-Att XXIV tal-2021 intlaħaq bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini; dawn ir-rimedji saru disponibbli għas-sidien mill-1 ta' Ġunju 2021 'il quddiem pero' ma jindirizzawx il-leżjonijiet tal-jedd fundamentali ta' sid il-kera anteċedenti għal dik id-data.

38. **Skond ir-relazzjoni teknika tal-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi ippreżentata fl-14 ta' Diċembru 2022 il-valur lokatizzju tal-fond fis-sena 2021 kien ta' €13,500.**

39. **Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti hi tal-fehma illi Kapitolu 69 kif ukoll l-emendi bl-Att X tal-2009 għall-Kapitolu 16 ħolqu indħil sproporzjonat fuq id-drittijet tar-rikorrenti peress illi hemm differenza kbira bejn il-kera perċepita jew perċepibbli skond il-liġi fiż-żmien rilevanti u l-potenzjal tal-kera li l-fond seta' jiġġenera lir-rikorrenti, bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom kif sanċit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. B'dan illi tqis li seħħet leżjoni tad-dritt fundamentali tagħhom.**

Ikkunsidrat;

**Il-Perijodu tal-Leżjoni Relevanti għal-Likwidazzjoni tad-Danni.**

40. In vista tal-fatt li r-rikorrenti sofrew piż sproporzjonat meta ġew imċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom kawża tal-applikazzjoni tal-provedimenti tal-Kapitolu 69 kif applikabbli fiż-żmien rilevanti mingħajr kumpens ġust, huma għandhom jingħataw rimedju xieraq konsistenti f'kumpens.

41. Għandu jingħad li l-Qorti m'hijiex sejra tieħu konjizzjoni tal-kera li setgħu jdaħħlu r-rikorrenti qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kapitolu 319 u ċioe qabel is-sena 1987. Kif inżamm mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Josephine Mifsud Saydon vs. L-Avukat tal-Istat et** mogħtija fit-30 ta' Marzu 2022:

> "Il-Qorti tqis li huwa korrett l-argument tal-Avukat tal-Istat li l-ewwel Qorti kellha tikkalkula l-kumpens dovut lir-rikorrenti b'effett mit-30 ta' April 1987 u

mhux mis-sena 1975. L-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "[e]bda ksur...tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987...ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-Artikolu 4." Għalhekk l-Avukat tal-Istat għandu raġun li l-perjodu relevanti għall-finijiet ta' din il-kawża beda b'effett mit-30 ta' April 1987 u mhux mill-1975 kif ikkonsidrat l-ewwel Qorti."[5]

42. Dwar il-perijodu li għandu jittieħed kont għall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni pekunjarji, ssir referenza għas-sentenza **Carmel Sammut et vs. Maria Stella Dimech et** (Rik Kost 161/2019) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 fejn ġie ritenut illi:

"17. Il-fatt li l-proprjeta` għaddiet għand l-aħwa Sammut wara l-mewt ta' missierhom fit-22 ta' Ottubru 2008 ma jfissirx li għandhom jedd għall-kumpens minn dakinhar biss. Huma werrieta ta' missierhom u bħala tali għandhom jedd ukoll li jippretendu kumpens għall-perjodu meta missierhom kien is-sid. Min-naħa l-oħra ommhom Margaret Sammut hi attriċi u tgawdi l-użufrutt ta' ġidu bit-testment li għamel fis-16 ta' Settembru 1976 fl-atti tan-nutar Anthony Gatt."

43. Aktar riċenti, fil-każ fl-ismijiet **Erica Gollcher et vs. L-Avukat tal-Istat** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar 2022, reġa' ġie mtenni illi:

"26. Fir-rigward tal-argument illi d-danni akkordati huma eċċessivi, il-Qorti tibda billi tosserva illi ma taqbilx mal-ewwel Qorti li ż-żmien relevanti beda jiddekorri mill-2001, u ċioe` minn meta l-fond in kwistjoni sar proprjetà` tal-atturi. Jirriżulta li l-atturi akkwistaw dan il-fond bħala leredi ta' ommhom, u għalhekk iż-żmien relevanti m'għandux jiġi ristrett għad-data meta l-atturi saru l-proprjetàrji, ġaladarba bħala eredi ta' ommhom, huma daħlu fiż-żarbun tagħha. Dan ifisser għalhekk li lewwel Qorti ma akkordatx kumpens għal numru ta' snin li għalihom l-atturi kienu ntitolati għal kumpens."[6]

44. Fid-dawl tal-ġurisprudenza appena ċitata li din il-Qorti taqbel magħha, tiddikjara illi għall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni pekunjarji ser tieħu in konsiderazzjoni l-

---

[5] Ara wkoll **Carmelina Bugeja vs. Nazzareno Spiteri et** (Rik Kost 91/2019) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Marzu 2022 u **Maria Concetta Camilleri et vs. Avukat tal-Istat et** (Rik Kost 292/2020) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2020.

[6] Ara wkoll **Nutar Pierre Cassar vs. Avukat tal-Istat** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Mejju 2022.

perijodu li jibda mill-1 ta' Mejju 1987, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Kapitolu 319, sat-30 ta' Mejju 2021, lejliet id-dħul fis-seħħ ta' Artikolu 4A tal-Kap. 69.

45. Dwar il-quantum tad-danni pekunjarji, kif inżamm mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Professur Ian Refalo nomine vs. Nicholas Ciantar et** mogħtija fl-4 ta' Mejju 2022:

> "Il-Qorti tirrileva li llum-il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet isegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in suċċint, illi sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-attur fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-attur kien jirnexxilu jżomm il-proprjetà` mikrija tul iż-żmien relevanti kollu għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-attur, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi."

46. Għaldaqstant skont il-linji gwida tal-QEDB sabiex jiġi ffissat kumpens pekunarju ġust għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tas-sid, l-istima tal-kera tal-fond fis-suq miftuħ għandha titnaqqas:

    a. Bi tletin fil-mija (30%) għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali;
    b. B'għoxrin fil-mija (20%) ġialadarba ma teżisti l-ebda garanzija li l-fond kien ser ikun mikri matul il-perjodu rilevanti kollu, u
    c. bil-valur tal-kera mħallsa mill-inkwilin jew fin-nuqqas bil-kera perċepibbli skond il-liġi.

47. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tieħu kont tal-valur lokatizju ta' matul is-snin kif irrelatat l-Perit Tekniku sabiex tiddetermina l-kumpens pekunjarji xieraq dovut lir-rikorrenti skont il-linji gwida tal-QEDB adottati mill-Qorti Kostituzzjonali:

| Sena | Stima tal-Perit annwali (€) | Kera mħallsa jew li kellha titħallas (€) |
|---|---|---|
| 1987 | 900.00[7] | 24.85[8] |
| 1988 | 1,350.00 | 37.27 |
| 1989 | 1,350.00 | 37.27 |
| 1990 | 1,350.00 | 37.27 |
| 1991 | 1,350.00 | 37.27 |
| 1992 | 1,800.00 | 37.27 |
| 1993 | 1,800.00 | 37.27 |
| 1994 | 1,800.00 | 37.27 |
| 1995 | 1,800.00 | 37.27 |
| 1996 | 1,800.00 | 37.27 |
| 1997 | 2,600.00 | 37.27 |
| 1998 | 2,600.00 | 37.27 |
| 1999 | 2,600.00 | 37.27 |
| 2000 | 2,600.00 | 37.27 |
| 2001 | 2,600.00 | 37.27 |
| 2002 | 3,500.00 | 37.27 |
| 2003 | 3,500.00 | 37.27 |
| 2004 | 3,500.00 | 37.27 |
| 2005 | 3,500.00 | 37.27 |
| 2006 | 3,500.00 | 37.27 |
| 2007 | 5,500.00 | 37.27 |
| 2008 | 5,500.00 | 37.27 |
| 2009 | 5,500.00 | 37.27 |
| 2010 | 5,500.00 | 185.00 |
| 2011 | 5,500.00 | 185.00 |
| 2012 | 7,000.00 | 185.00 |
| 2013 | 7,000.00 | 197.58 |
| 2014 | 7,000.00 | 197.58 |
| 2015 | 7,000.00 | 197.58 |
| 2016 | 7,000.00 | 203.13 |
| 2017 | 10,000.00 | 203.13 |
| 2018 | 10,000.00 | 203.13 |
| 2019 | 10,000.00 | 209.64 |
| 2020 | 10,000.00 | 209.64 |

[7] €1350 / 12 x 8 (Mejju sa Diċembru).
[8] €37.27 / 12 x 8.

| | | |
|---|---|---|
| 2021 | 5,625.00[9] | 87.35[10] |
| **Total** | **153,925.00** | **3,108.55** |

48. Is-somma ta' €153,925 għandha l-ewwel tonqos bi 30% għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali, u għalhekk is-somma tinżel għal €107,747.50. Minn din is-somma jrid jonqos 20% peress li r-rikorrenti ma taw l-ebda garanzija li l-fond kien ser ikun mikri matul il-perjodu kollu in eżami u għalhekk is-somma tinżel ulterjorment għal €86,198 li minnha finalment jrid jitnaqqas il-kera li attwalment ġiet imħallsa mill-intimati Vella kif perċepibit skont il-liġi għall-istess perijodu u ċioe €3,108.55.

49. **Għaldaqstant id-danni pekunjarji sofferti mir-rikorrenti qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' €83,089.45 li qed jiġu arrotondati għal tlieta u tmenin elf u mitt ewro (€83,100) liema somma għandha tinqasam skont is-sehem li mess lil kull wieħed mir-rikorrenti.**

50. In kwantu għad-danni non-pekunjarji, in linea mal-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali "il-jedd tal-awturi fit-titolu għall-kumpens non-pekunjarju ma jintiritx. Dak hu personali għall-persuna li tkun batiet dik it-tbatija."[11] In vista li hemm diversi rikorrenti li wirtu fi żminijiet differenti, il-Qorti sejra tillikwida l-imsemmija danni morali fis-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000).

**Spejjeż tal-kawża**

51. Il-Qorti hija tal-fehma li fil-prinċipju l-intimat Avukat tal-Istat bħala rrappreżentant responsabbli għall-miżura leġislattiva li fiċ-ċirkostanzi tal-każ waslet għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, għandu jħallas l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

52. Però f'dan il-każ jeħtieġ temperament b'mod partikolari fejn jirrigwardjaw l-ispejjeż tal-perizja teknika li kif rajna fuq talba tar-rikorrenti saret fuq perijodu mill-

[9] €13,500 / 12 x 5 (Jannar sa Mejju).
[10] €209.64 / 12 x 5.
[11] **Maria Concetta Camilleri et vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022. Ara wkoll **Anthony Bezzina vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022.

1967 sas-sena 2021 mentri ġie deċiż illi ż-żmien rilevanti huwa mis-sena 1987 sas-sena 2021. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-ispejjeż tal-perizja teknika għandhom jitħallsu in kwantu għal terz (1/3) mir-rikorrenti filwaqt li żewġ terzi (2/3) għandu jħallashom l-Avukat tal-Istat.

53. Dwar l-ispejjeż tal-intimati Vella il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Paul Farrugia vs. Avukat tal-Istat et** mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2021, u tordna li l-ispejjeż tal-intimati Vella għandhom jitħallsu mill-Avukat tal-Istat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat u mill-intimati Vella konformement ma' dak hawn fuq deċiż,

1. **Tilqa' l-ewwel talba**, tiddikjara li fiż-żmien rilevanti, bit-tħaddim fir-rigward tar-rikorrenti tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri (Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta), tal-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll bl-Att X tal-2009 safejn taw jedd lill-intimati Vella li jġeddu b'mod indefinit il-kirja tal-fond 33/34 Triq il-Parroċċa, Luqa b'kera baxxa ħafna, seħħ ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

2. **Tilqa' t-tieni talba,** tiddikjara li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jagħmel tajjeb għas-sejbien ta' leżjoni tad-dritt konvenzjonali tar-rikorrenti u għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji konsegwenzjali;

3. **Tilqa' t-tielet talba,** tillikwida d-danni pekunjarji fis-somma globali ta' tlieta u tmenin elf u mitt ewro (€83,100) u d-danni non-pekunjarji fis-somma globali ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000).

4. **Tilqa' r-raba' talba,** tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti s-somma globali ta' tmienja u disgħin elf u mitt ewro (€98,100) rappreżentanti d-danni pekunjarji u non-pekunjarji fuq likwidati, bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

**Spejjeż** a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat salv għal terz (1/3) tal-ispejjeż tar-rapport tal-perizja teknika li għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 ta' Settembru, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**